MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 122/2017 LM

**Lorenza sive Laura Jenkins (K.I. nru 789338M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Ivan Sammut (K.I. nru. 83271M)**
**u Saviour sive Sammy Sammut (K.I. nru. 201762M)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Lorenza sive Laura Jenkins (K.I. nru. 789338M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar, 2024 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li ddeċida t-talbiet tar-rikorrenti

fil-konfront tal-intimati **Ivan Sammut (K.I. nru. 83271M)** u **Saviour sive Sammy Sammut (K.I. nru. 201762M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], kif ġej:

> "*Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:*
>
> *1. Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba stante li din ġiet miċħuda bid-digriet tal-1 ta' Marzu, 2018.*
> *2. JIċħad il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti.*
> *3. Jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mir-rikorrenti."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors intavolat quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija l-proprjetarja tal-fond 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, Malta [hawnhekk 'il-fond'], liema fond kien mikri lil Abel Sammut bil-kera ta' €116.47 kull sitt xhur bil-quddiem, liema kera kienet titħallas fis-27 ta' Ottubru u fis-27 ta' April ta' kull sena. Ir-rikorrenti qalet li fil-fond kienu jgħixu Abel Sammut, martu Maria Dolores, u t-tliet uliedhom, iżda maż-żmien uliedhom marru jgħixu f'postijiet oħra. Qalet ukoll li mart Abel Sammut ġiet nieqsa fis-16 ta' Diċembru, 2015, meta Abel Sammut kien diġà residenti ġewwa Villa Messina. F'Diċembru tal-2016 ġie nieqes ukoll Abel Sammut, u għalhekk permezz ta' ittra legali tat-22 ta' Marzu, 2017, hija talbet lil Ivan Sammut jivvaka l-fond in kwistjoni u jirritorna ċ-ċwievet tal-fond lis-sid. Qalet li l-intimat irrisponda b'ittra legali oħra, fejn infurmaha li huwa kien jgħix fil-fond, u dan minkejja li r-rikorrenti tgħid li hija kienet taf li dan ma kienx minnu. Qalet li l-intimati m'għandhom l-ebda titolu fuq il-fond, u kien għalhekk li hija kellha tistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex tieħu

lura l-pussess tal-fond tagħha. Ir-rikorrenti talbet lill-Bord, li jisma' l-każ bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-artikolu 16 u 16A tal-Kap. 69; jiddikjara li l-intimati m'għandhom l-ebda dritt fuq il-fond, u li huma m'għandhom l-ebda jedd iħallu l-effetti personali tagħhom fl-istess fond; jiddikjara li jekk l-intimati jew min minnhom reġgħu daħlu jgħixu fl-imsemmi fond, huma għamlu dan bi ksur tal-liġi; jordna lill-intimati jivvakaw mill-fond kompletament, u jirritornaw iċ-ċwievet lis-sidien, filwaqt li talbet lill-Bord jordna lill-intimati jħallsu d-danni għall-okkupazzjoni b'effett minn April tal-2017 sad-data tar-rilaxx effettiv tal-fond.

3. L-intimati wieġbu li l-indirizz indikat mir-rikorrenti ma jirrispekkjax ir-residenza ordinarja tagħhom. Qalu li l-proċedura adoperata mir-rikorrenti mhijiex dik idonea u ma tapplikax għall-każ in diżamina. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikors promutur huwa monk għaliex ma ġiex ippreżentat l-affidavit tar-rikorrenti kontestwalment *ai termini* tal-artikolu 16A(1) (A) (4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Eċċepew ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, għaliex huma u oħthom ilhom joqogħdu fil-fond mis-sena 1973. Spjegaw li oħthom Maria żżewġet fis-sena 1980, iżda huma (l-intimati) baqgħu jgħixu fil-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Qalu li huma għandhom kull dritt jirrisjedu fil-fond, u huma dejjem għexu fih mingħajr interruzzjoni u qatt ma vvakaw u sussegwentement irritornaw fil-fond, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament tagħhom mill-fond hija frivola u vessatorja, u ma tirrispekkjax il-fatti kif ġraw. Qalu li għall-perijodu bejn Ottubru 2016 sa April 2017, huma ħallsu l-kera, u din ġiet aċċettata mir-rikorrenti.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza appellata, il-Bord iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet Legali***

*Illi magħmul dan ir-riassunt, il-Bord issa ser jgħaddi biex jagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali relattivi.*

*Illi preliminarjament, il-Bord jinnota illi fl-ewwel talba, ir-rikorrenti kienet talbet li din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ. Madanakollu, l-intimati kienu dehru quddiem il-Bord u l-Bord, kif preċedentement presedut kien ta l-opportunità lill-istess intimati sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.*

*Illi għalhekk, anke in vista tad-dikjarazzjoni li saret mill-intimati fl-udjenza tal-4 ta' April, 2022, fejn l-intimati ddikjaraw li mhux jinsistu iżjed fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjoni minnhom imressqa fir-risposta tagħhom, dan il-Bord iqis li l-ewwel talba tar-rikors diġà ġiet miċħuda u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intimati huma għalhekk sorvolati.*

***<u>Mertu</u>***

*Illi b'hekk, imiss li dan il-Bord jagħrbel il-provi li għandu quddiemu u jqis jekk l-intimati aħwa Sammut għandhomx titolu validu biex jokkupaw il-fond numru 41, Triq San Mikiel, ir-Rabat, wara l-mewta ta' missierhom Abel Sammut fid-19 ta' Diċembru, 2016.*

*Illi ġaladarba, Abel Sammut ġie nieqes fis-sena 2016, it-tifsira ta' inkwilin ta' fond residenzjali li jrid iqis dan il-Bord biex jagħmel id-deċiżjoni tiegħu dwar it-titolu tal-intimati o meno, hija dik kif kienet fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-emendi li saru bl-Att XXIII tal-2017, u ċioe l-Artikolu 1531F. (fn. 38 L-Artikolu 1531F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kien jistipula hekk: "***1531F.** Fil-każ ta' kirja ta' dar użata bħala residenza ordinarja li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tiġi meqjusa bħala inkwilin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjugi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment; meta jmut l-inkwilin il-kirja għandha tiġi tterminata:

Iżda wkoll persuna tkompli l-kirja wara l-mewt tal-inkwilin bl-istess kondizzjonijiet tal-inkwilin jekk fl-1 ta' Ġunju, 2008 –

1. (i) tkun il-wild naturali jew legali tal-inkwilin u tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin; u wara l-1 ta' Ġunju, 2008 tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu:

   Iżda f'każ li jkun hemm aktar minn wild wieħed li jkunu ilhom joqogħdu mal-inkwilin għal erba' mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 u jkunu baqgħu jgħixu mal-inkwilin sad-data ta' mewtu, dawk l-ulied kollha jkomplu bil-kirja in solidum; din il-kirja ma testendix għal konjuġi, żewġ jew ulied il-wild tal-inkwilin.")

*Illi għalhekk jirriżulta li l-perijodu rilevanti għal din il-kawża, huwa l-erba' mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008, sad-19 ta' Diċembru, 2016.*

*Illi tajjeb jingħad li neċessarjament trid issir distinzjoni bejn it-titolu validu ta'* 'inkwilin' *u kwistjonijiet oħra ta' abbandun jew* non uso. *Dan jingħad, stante, li da parti tagħha r-rikorrenti, bil-provi prodotti, donnu ttentat tipprova tbiddel il-binarju tal-azzjoni odjerna biex tipprova turi kif il-post inżamm magħluq u abbandunat wara li mietu l-ġenituri tal-intimati, u għalhekk, provi li jirrigwardaw perijodu oltre dak li huwa rilevanti ai fini ta' din il-kawża. Kienet l-għażla tar-rikorrenti li tibbaża l-azzjoni b'dan il-mod. (fn. 39 Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-8 ta' Frar, 2006, fl-ismijiet* ***Nutar Dottor Charles Vella Zarb vs Anna Vella (Ċit. Nru. 291/1999/1 JRM)*** *intqal: "*Jibqa' dejjem il-fatt li x-xejra tal-azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti attriċi li tressaqha u hija determinata mill-għamla tal-azzjoni hekk magħżula u bit-talbiet magħmula."). *B'hekk, dan il-Bord, ma jistax iqis dawk il-provi prodotti biex jasal għad-deċiżjoni fuq it-talbiet tal-attriċi li jirrigwardaw it-titolu o meno tal-intimati.*

*Illi għal kull buon fini, il-Bord jirrimarka wkoll illi minkejja li rriżulta minn rappreżentanti ta' Villa Messina stess, li kien hemm perijodu li fih l-inkwilin rikonoxxut mir-rikorrenti Abel Sammut, kien residenti f'Villa Messina u St. Elizabeth Home bejn il-mewt ta' martu, sa ma miet hu, ma hemmx dubju li Abel Sammut kellu titolu validu bħala inkwilin tal-fond in kwistjoni u anke fiż-żmien li ma setax imur iħallas il-kera hu u minflok kien imur biha Ivan Sammut, irriżulta li l-kera dejjem baqgħet tiġi aċċettata mir-rikorrenti. Tajjeb jiġi mfakkar ukoll, li skont il-ġurisprudenza tagħna, il-fatt waħdu li membru tal-familja tispiċċa tgħix waħedha f'xi fond għaliex l-inkwilin oriġinali jkollu jallontana ruħhu minħabba f'raġunijiet ta' saħħa ma tnaqqas xejn mill-protezzjoni li kienet tagħti l-liġi. (fn. 40 F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***David Galea et vs Stephen Bonnici****, (App. Ċiv. Nru.: 67/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru, 2005 fejn, b'self minn sentenzi preċedenti, ġie mfakkar hekk:* "Riferibbilment dwar it-tieni element tar-residenza mal-kerrej fid-data tal-mewt tiegħu, jinsab statwit f'ġurisprudenza paċifika illi membru tal-familja tal-inkwilin huwa intitolat ikompli fil-lokazzjoni tal-fond lokat anke jekk fid-data tal-mewt tal-inkwilin huwa kien joqgħod fil-post waħdu għax l-

inkwilin kien jabita band'oħra. (Kollez. Vol. XLVII P.I p. 583). B'eżemplari, wieħed jista' jirreferi għall-każ ta' emigrant li jkun telaq minn Malta u fil-fond ħalla membri tal-familja tiegħu u li kienu joqogħdu miegħu minn żmien qabel. Ara "Victor Gauci – vs – Vincenza Tabone", riportata a vol. XL P.I p. 418. Hemm ukoll il-każ ta' inkwilini li minħabba raġunijiet ta' saħħa jkunu rrikoveraw ruħhom ġewwa istitut jew sptar u li jkomplu jżommu darhom sabiex jekk jiddejqu jew ifiqu jkunu jistgħu jirritornaw fil-post mikri. Ara "Mary Abela nomine – vs Joseph Camilleri", Appell Inferjuri, 22 ta' April, 1986, "George Felice – vs – Gianni Cini", Appell Inferjuri mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta' Ġunju, 2001;"). *Sa fejn allura r-rikorrenti tipprova takkampa ma' dan il-fatt, huwa evidenti li dan huwa żbaljat.*

*Illi minn ħarsa lejn id-dokumenti kollha ppreżentati mill-intimati stess u anke minn xhieda oħra diversi li xehdu in rappreżentanza ta' diversi entitajiet u dipartimenti, jirriżulta li l-intimati f'dan il-perijodu rilevanti għal din il-kawża, dejjem kellhom l-indirizz residenzjali tagħhom fil-fond mertu ta' din il-kawża, u ċioe fil-41, Triq San Mikiel, ir-Rabat.*

*Illi l-intimat Ivan Sammut xehed diversi drabi quddiem dan il-Bord, u fix-xhieda tiegħu dejjem kien konsistenti li hu għex minn tarbija fil-fond in kwistjoni. Kien hemm konsistenza wkoll fid-dati li huwa ta lill-Bord inkluż ta' meta missierhom daħal f'dar tal-anzjani u meta din kellha tinbidel minħabba f'renovazzjonijiet f'dik preċedenti.*

*Illi barra minn hekk, il-Bord iqis illi l-ittra li ntbagħtet mir-rikorrenti stess fit-22 ta' Marzu, 2017, fejn talbet iċ-ċwievet lura, kienet intbagħtet lil Ivan Sammut fl-indirizz mertu ta' din il-kawża u mhux kontestat li l-intimat kien wieġeb lir-rikorrenti li huma jgħixu hemm u mhux ser jirritornaw iċ-ċwievet. Mill-kontijiet tad-dawl u ilma, iż-żewġ intimati jirriżulta b'mod ċar li kienu baqgħu mniżżlin bħala residenti fil-fond in kwistjoni fil-perijodu taż-żmien rilevanti għall-Bord.*

*Illi l-Bord jirrimarka illi x-xhud in rappreżentanza tal-Maltapost ikkonfermat li l-posta dejjem baqgħet tiġi riċevuta fl-imsemmi indirizz in kwistjoni u ma kellhom qatt xi rikjesta għal P.O. Box jew* redirection of mail*. Saħansitra anke l-Pulizija għandhom dak l-indirizz bħala r-residenza uffiċjali tal-intimati u mhux xi indirizz ieħor. Dawn ix-xhieda ppreżentaw il-prova tal-indirizz tal-intimati fil-perijodu li huwa rilevanti għall-Bord.*

*Illi min-naħa l-oħra, l-attriċi, bħala provi fiż-żmien rilevanti għall-Bord, ressqet informazzjoni li waslet għandha mingħand terzi persuni u mhux tali li kkonfermat hija stess u li taf bħala fatt personalment. Huwa ċar li xhud huwa mistenni li jixhed fuq fatti magħrufa minnu u ma għandux jispekola jew jesprimi xi opinjoni. (fn. 41 Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha spiss tagħmel assunzjonijiet bħal meta tgħid li kienet*

*iċċempel fuq il-landline tal-fond 41 u għax ma jwieġeb ħadd, tgħid li huwa* "ovvja li ma kien ikun hemm ħadd." *Tispekola wkoll meta ssemmi dwar kif binha Martin kien qallha li ltaqa' ma' Saviour u kien qallu li qed iħossu skomdu jidħol jorqod id-dar u hi tgħid kif ħasbet li jekk qegħdin tlieta ma kellux għalfejn iħossu hekk (vide fol. 251 tal-proċess) (sakemm mhuwiex xi espert).*

*Illi filwaqt li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, li inklużjoni fir-reġistru elettorali jew informazzjoni li tingħata lid-dipartimenti waħedha, mhux dejjem hija prova inkonfutabbli tar-residenza ta' persuna (fn. 42 F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Katald Galea vs Denise Galea*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-21 ta' Ottubru, 2016 (App. Nru. 16/2010) fejn intqal:* "Ir-residenza ordinarja li trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati, bħal dawk li għadhom kif issemmew, li iżda fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku. Għalhekk, il-fatt, li persuna jkollha dokumenti li 'prima facie' jattestaw konnessjoni sħiħa mal-fond, bħal inklużjoni fir-Reġistru Elettorali, ir-reġistrazzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xogħol u Taħriġ mhumiex prova inkonfutibbli ta' residenza. Huwa paċifiku li r-Reġistru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tiġi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, iżda mhux neċessarjament u dejjem konklussiva."), *dik il-ġurisprudenza trid tinqara fis-sens li dik il-prova waħedha tista' ma tkunx waħda deċiżiva. F'dan il-każ, l-intimati wrew li dak kollu neċessarju u li wieħed jippretendi li jkollu fil-miġja tal-ħajja, kollha jindikaw li kienu u li għadhom jutilizzaw dan il-fond bħala r-residenza tagħhom. Għal dan il-Bord huwa ċar li l-intimati organizzaw ħajjithom kollha madwar dan il-fond, li kienu u għadhom jutilizzaw bħala r-residenza ordinarja tagħhom.*

*Ili rispettosament, ġaladarba l-intimati altru milli wrew li huma kienu dejjem residenti fil-fond in kwistjoni, (fn. 43 F'dan is-sens, fost diversi ssir sentenza fl-ismijiet* ***Andre Cauchi et vs Teresa Azzopardi****, (App. Ċiv. Nru. 351/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar l-24 ta' Ġunju, 2021 fejn ġie raġunat hekk:* "L-ewwel qorti kellha biss tqis jekk il-konvenuta għandhiex titolu. Jekk issib li l-konvenuta kellha titolu ta' kiri, kellha tieqaf hemm; kif sewwa osservat, ma kellhiex kompetenza biex tkompli tqis jekk dak it-titolu jagħtix lill-konvenuta dritt ukoll għat-tiġdid tal-kiri, għax dik hija materja fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera. Madanakollu, l-ewwel qorti kellha tqis jekk tassew kienx hemm il-kiri u, ladarba sabet li dak il-kiri seta' tnissel mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jagħtu jedd lill-membru tal-familja ta' kerrej li taħt ċerti kundizzjonijiet jiret il-kiri wara l-mewt ta' dak il-kerrej, kellha tara wkoll jekk dawk il-kondizzjonijiet li jrid il-Kap. 69 biex jintiret kiri seħħewx. Biex għamlet hekk l-ewwel qorti qieset ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u, **għax sabet li hemm konflitt bejniethom, imxiet fuq il-prinċipju li actore non probante reus absolvitur.**

> **Hawnhekk iżda, kif sewwa josservaw l-atturi, l-ewwel qorti żbaljat. L-oneru tal-prova tat-titolu jaqa' fuq min jallega li għandu dak it-titolu – fil-każ tallum il-konvenuta – għax reus in excipiendo fit actor, (enfasi tal-Bord).**", *kien jispetta imbagħad lir-rikorrenti sabiex b'xi mod ixejnu dak ippruvat. Apparti dikjarazzjonijiet suġġettivi u xhieda kemmxejn xotta, li meta wieħed jagħsarha ma tantx għandha tingħata affidament (fn. 44 huwa ovvju li t-tfal tar-rikorrenti għandhom interess dirett f'dawn il-proċeduri), ma ġabu l-ebda prova kuntrarja.*
>
> *Illi hekk per eżempju la Martin Jenkins, la Sandra Jenkins u anqas ir-rikorrenti stess ma kienu daħlu fil-fond in kwistjoni fiż-żmien rilevanti, u għalhekk minn imkien ma jirriżulta xi prova konvinċenti u konkreta, li jistgħu jindikaw li verament l-intimati ma kinux baqgħu jirrisjedu fil-fond numru 41.*
>
> *Illi anqas ma tressqu bħala xhieda xi ġirien oħrajn jew eżempju s-sid tal-ħanut fil-viċin tal-post in kwistjoni li ssemma minn Sandra Jenkins u anke minn Martin Jenkins bħala post fejn kienu ta' spiss jiltaqgħu ma' Doris Sammut. Wisq anqas ma nġiebu xi ġirien jew residenti fil-blokka 'Sanolor Flats' fi Triq il-Ħobbejża, minkejja li r-rikorrenti insistiet li Ivan Sammut kien qed jgħix hemm. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti baqgħu biss spekulazzjonijiet mingħajr l-impronta tal-prova. Fil-fehma tal-Bord tali prova ma setgħet qatt tinġieb mir-rikorrenti għaliex il-verità hi li l-intimati kienu dejjem residenti f'dan il-fond.*
>
> *Illi minn eżami tal-atti, il-Bord huwa totalment konvint minn dak pruvat mill-intimati u b'hekk il-kawża attriċi għandha tiġi mwarrba."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Frar, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti tannulla u/jew tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, u dan billi tannullaha fl-intier tagħha u/jew tikkonfermaha in kwantu l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ma ġewx milqugħa, u tirrevokaha fil-kumplament tagħha, filwaqt li tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti a spejjeż tal-intimati.

6. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellata. Spjegat li hija kienet wirtet il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u li dan kien

ingħata b'ċens lil missier l-intimati, Abel Sammut, imma meta ċ-ċens għalaq fl-2006, bit-tħaddim tal-liġi viġenti, it-titolu ta' Sammut inqaleb f'wieħed ta' kiri. L-appellanta qalet li hija tgħix ir-Rabat flimkien ma' uliedha, u minn żmien għal żmien kienet tgħaddi minn ħdejn il-fond, u xi drabi tkellmet ma' omm l-appellati, li minn kliemha kienet tindikalha li hi u żewġha kienu jgħixu waħedhom fil-fond. L-appellanta qalet li omm l-appellati kienet tgħid l-istess diskors lix-xhud Sandra Jenkins, li kienet tgħix fl-istess triq, u omm l-appellati ġieli qalet li binha Saviour kien jgħix il-Buskett, filwaqt li Ivan kien jgħix fl-inħawi tan-Nigret. L-appellanta qalet li mir-Reġistru Elettorali esebit, jirriżulta li Sammy rreġistra ruħhu fuq post il-Buskett fl-2001, iżda ftit tax-xhur wara dan reġa' dawwar l-indirizz lura għal fuq il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Qalet li bejn l-2006 u l-2009 hija kienet tgħix fl-istess triq fejn jinsab il-fond, u għalhekk tikkonferma li mhux veru li fl-2002 Sammy Sammut mar lura biex jgħix f'dan il-fond, għaliex dak iż-żmien hija kienet tarah jagħmel biss żjarat qosra lill-ġenituri tiegħu fil-fond. L-appellanta qalet li Martin Jenkins, li mar jgħix fil-fond li jmiss mal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, kien osserva li sakemm il-ġenituri tal-appellati kienu għadhom ħajjin, uliedhom kienu jmorru jżuruhom għal ħinijiet mhux twal. Qalet li imbagħad Martin Jenkins għamel żmien twil imsiefer, u ġie lura fi Frar 2016, fejn seta' jinnota li fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ma kien jgħix ħadd. Kompliet tgħid li wara saret taf li omm l-appellati kienet mietet f'Diċembru ta' qabel, filwaqt li missierhom kien ġo *home*. Imbagħad f'Diċembru tal-2016 kien ġie nieqes missier l-appellati, u għaddew diversi xhur qabel ma Martin Jenkins innota li għall-ewwel darba minn meta ġie lura Malta infetħet purtella f'dan il-fond, u fl-akkwati kienet qiegħda titħalla l-vettura ta' Saviour Sammut. Qalet li dan ġara biss wara li hija kienet bagħtet ittra lill-appellati

sabiex jirritornaw iċ-ċwievet tal-fond. L-appellanta qalet li peress li Martin Jenkins issuspetta li Saviour Sammut kien ser jibda jmur fil-fond, f'Ġunju tal-2017 huwa beda josserva l-movimenti ta' dħul u ħruġ mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, minn fejn irriżultalu li l-appellati rari kienu jersqu 'l hemm, u meta Saviour Sammut kien imur fil-fond, dan kien jagħmel ħin qasir u jitlaq minn hemm. Qalet li sussegwentement irriżulta li Saviour Sammut beda jmur fil-fond b'mod aktar regolari. L-appellanta qalet li peress li f'Diċembru tal-2015 mietet Doris Sammut, u f'Diċembru tal-2016 miet ir-raġel tagħha Abel Sammut, il-kera minn Ottubru 2016 sa April 2017 kienet diġà tħallset bil-quddiem, u hija kienet qiegħda tippreżumi li xi ħadd minn ulied il-koppja Sammut kien ser jirritorna lura l-pussess battal tal-fond. Qalet li għalhekk kienet sorpriża għaliha meta irċeviet ittra legali fejn ġiet infurmata li ulied il-koppja Sammut kienu qegħdin jgħixu fil-fond, għaliex hija kienet taf li dan ma kienx minnu.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta qalet li s-sentenza appellata hija nulla għaliex il-Bord ma ddeliberax dwar l-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellati, u ma ddeliberax dwar l-eċċezzjoni partikolari li abbażi tagħha ġew miċħuda t-talbiet tal-appellanta. Qalet li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ġew irtirati mill-appellati stess, u l-ewwel eċċezzjoni mhijiex ta' portata li tiddetermina l-eżitu ta' din il-kawża, iżda l-kumplament tal-eċċezzjonijiet kienu jimmeritaw deliberazzjoni. L-appellanta qalet li minkejja li s-sentenza ma tgħidx hekk, it-talbiet tagħha ġew miċħuda proprju minħabba f'dak li jingħad fir-raba' u fil-ħames eċċezzjonijiet. Qalet ukoll li dan ma jingħadx b'mod espress, u għalhekk is-sentenza tal-Bord tista' titqies li mhijiex motivata, u minħabba f'hekk hija nulla. L-appellanta qalet illi li kieku l-Bord iddelibera fuq dawn l-eċċezzjonijiet, dan kien ikollu jiddelibera dwar jekk l-appellati ġabux provi

konkreti u konvinċenti sabiex isostnu li huma baqgħu jirrisjedu fil-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, kif ukoll li huma għandhom dritt jirrisjedu fl-istess fond mingħajr interruzzjoni, u li mhux minnu li huma vvakaw u reġgħu rritornaw fil-fond. L-appellanta qalet li n-nuqqas tal-Bord li jiddelibera dwar dawn l-eċċezzjonijiet, irrendi s-sentenza tal-Bord nulla, iżda jwitti t-triq għall-ħtieġa li dawn l-allegazzjonijiet jiġu ppruvati mill-appellati u mhux minnha.

8. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li minkejja li l-Bord ma qalx hekk, dan ippretenda li kellha tkun l-appellanta li turi li l-appellati ma kellhomx dritt jew titolu għal-lokazzjoni wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. Qalet li l-appellati, fir-risposta meqjusa tagħhom, allegaw fatti li skont il-liġi viġenti dak iż-żmien kienu jintitolawhom jitqiesu bħala inkwilini mal-mewt ta' missierhom Abel Sammut. L-appellanta qalet li għalhekk wieħed kien jistenna li jkunu l-appellati li jippruvaw li huma kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak li kien l-artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta meta miet l-inkwilin Abel Sammut. Qalet li għalhekk huma kellhom jippruvaw li huma verament ulied Abel Sammut; li huma għexu ma' missierhom għal erbgħa minn ħames snin li ppreċedew l-1 ta' Ġunju, 2009; u li huma għexu ma' missierhom mill-1 ta' Ġunju, 2009 sa ma miet missierhom f'Diċembru tal-2016 mingħajr interruzzjoni. Żiedet tgħid li l-Bord ħassu sodisfatt bix-xhieda tal-appellati stess, li ġabu rappreżentanti ta' diversi entitajiet sabiex jixhdu dwar fejn kien l-indirizz tar-residenza tal-appellati, u l-Bord qies din l-evidenza bħala prova suffiċjenti, meta l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija kostanti fis-sens li għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova. L-appellanta qalet li l-provi miġjuba mill-appellati, huma bbażati biss fuq dikjarazzjonijiet li ma ġewx ivverifikati, u fuq dokumenti li jinħarġu fuq

mera dikjarazzjoni, mingħajr ma ssir verifika oġġettiva tad-dikjarazzjoni li ssir, bħal ma hija l-karta tal-identità u l-indirizz uffiċjali ai fini tar-Reġistru Elettorali.

9. L-appellanta qalet li dan tant huwa minnu li l-Bord qaleb l-oneru tal-prova fuqha u fuq uliedha, u fid-deliberazzjonijiet tiegħu l-Bord qal li la l-appellanta u lanqas uliedha ma daħlu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri sabiex jikkonfermaw b'ċertezza li dan kien vojt, u għalhekk dawn xehdu fuq dak li kien jidher minn barra u fuq dak li kienet tgħid omm l-appellati. L-appellanta saħqet li kienu l-appellati li kellhom iressqu bħala xhieda tagħhom ġirien, qraba u persuni li kienu midħla tal-fond, sabiex jippruvaw li huma verament dejjem għexu hemmhekk, u ma kienitx l-appellanta li kellha tipprova li ma kienux jgħixu hemmhekk.

10. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li anki li kieku kellu jiġi aċċettat li l-appellanta kellha tipprova li l-appellati għamlu xi żmien bejn l-2004 u l-2016 ma jgħixux fil-fond, hemm limitu ta' kemm hija tista' ġġib provi li juru dan, u hija ġabet provi ta' dak li kienet tgħid omm l-appellati, jiġifieri li uliedha ma jgħixux magħha fil-fond. L-appellanta qalet li l-Bord bħal donnu mill-ewwel mar fuq l-attakk fuq l-appellanta, li hija trid iddawwar il-kawża f'waħda dwar *non-uso.* L-appellanta qalet li dan mhux minnu, u li huwa veru hu li nġabu provi li wara l-mewt tal-ġenituri tal-appellati, il-fond dam vojt għal madwar sena u nofs, iżda dan sar mhux biex tinbidel l-kawżali tal-kawża, iżda sabiex jintwera li fil-mument tal-mewt ta' Abel Sammut, fil-fond in kwistjoni ma kien jgħix ħadd. L-appellanta qalet li sabiex jiġi ppruvat li l-appellati ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dak li kien l-artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili, irriżulta li wieħed mill-appellati kien imur fil-fond in kwistjoni minn żmien għal żmien, aktarx biex jiġbor il-posta

u jara kienx kollox sew. Iżda meta Martin Jenkins qagħad għassa mal-fond, seta' jgħid b'ċertezza li ħafna drabi l-imsemmi intimat kien imur hemmhekk għal ftit minuti biss. L-appellanta qalet li mill-kawża ħarġu diversi fatti li wieħed ma jistax jinjora, fosthom li hija ppruvat tinnotifika l-atti ta' din il-kawża diversi drabi, u fil-fond ma kien jiftaħ ħadd. Qalet li saret il-proċedura tal-affissjoni fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda l-appellat Ivan Sammut xehed li hu sar jaf b'din il-kawża wara li għaddietlu l-inkartament persuna li tgħix f''Sonolor Flats', li allura jfisser li mis-7 ta' Frar, 2017 meta twaħħal l-avviż mal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, sal-1 ta' Marzu, 2017 meta bdiet il-kawża quddiem il-Bord, ħadd ma kien mar fil-fond. Qalet li ladarba għaddew tliet ġimgħat u ħadd mill-appellati ma resaq lejn il-fond fejn suppost kienu qegħdin jabitaw, din hija indikazzjoni ċara li mhuwiex veru li huma kienu jgħixu fil-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

11. L-appellanta qalet li meta Ivan Sammut ġie mistoqsi jekk għandux konnessjoni ma' Sonolor Flats, Triq il-Ħobbejża, ir-Rabat, huwa sempliċement ma qal xejn, u li kienu jafuh biss bħala Rabti. Mentri mir-riċerki li saru fuq l-appellati, jirriżulta li huma għandhom ħafna proprjetà f'dik it-triq, inkluż Sammut Flats li huma kollha tagħhom. L-appellanta qalet li jekk wieħed jara l-konsum tal-ilma li ġie esebit, jinnota li wara li mietu l-ġenituri tal-appellati, il-konsum niżel ħafna, u l-kont kien aktar għall-*meters* milli għall-konsum. L-appellanta qalet li dan kollu jafferma li l-appellati mhumiex ikunu sinċieri meta jgħidu li huma dejjem għexu fil-fond.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. Fir-risposta tagħhom l-appellati qalu li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellati qalu li l-Bord ħa konjizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk l-appellati kienux residenti fil-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom jew le. Komplew jgħidu li x-xhieda kollha kkonfermaw li huma għad għandhom l-indirizz fiss tagħhom fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u l-intimati kkonfermaw bil-ġurament li huma baqgħu jgħixu fil-fond u dejjem ħallsu l-kera b'mod puntwali, u għadhom jiddepożitaw il-kera l-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu. L-appellati qalu li l-Bord kien sodisfatt bid-dokumenti pprovduti u bix-xhieda li tressqu minnhom. L-appellati qalu li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom ġew sorvolati meta l-Bord iddeċieda li ma jilqax it-talba għad-dispensa tas-smigħ, u li kieku l-Bord laqa' l-ewwel talba, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma kienux isiru għaliex l-intimati kienu jiġu kkundannati sabiex jiżgumbraw mill-fond. L-appellati qalu li fi stadju aktar avvanzat tal-proċeduri, il-Bord reġa' qajjem dan il-punt sabiex huma jirregolaw ruħhom dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet, u peress li *prima facie* irriżulta li kellhom dritt jippreżentaw risposta ġuramentata, id-dispensa tas-smigħ ġiet newtralizzata. L-appellati qalu wkoll li tul il-proċeduri quddiem il-Bord, kienu huma li urew li għandhom dritt jibqgħu fil-fond, u mhux l-appellanta li naqset milli ġġib prova suffiċjenti biex tipprovdi lill-Bord xi tip ta' tħassib jew probabilità jekk l-intimati appellati għadx għandhom titolu jew le. L-appellati qalu li l-Bord kellu jiddeċiedi abbażi tal-provi li kellu quddiemu u għalhekk wasal għad-deċiżjoni tiegħu.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellati qalu li l-Bord, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, qies t-titolu validu ta' inkwilin, u kwistjonijiet oħra dwar *non uso*. Qalu li l-Bord għamel enfasi fuq il-fatt li l-appellanta kellha turi li l-appellati ma kellhomx titolu validu, billi tipprova l-azzjoni tagħha f'din il-kawża. Qalu li l-appellanta, minflok ippruvat turi li l-appellati m'għadhomx jgħixu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u insinwat li kienu abbandunaw il-fond wara li mietu l-ġenituri tagħhom. L-appellati komplew jgħidu li l-appellanta bbażat l-azzjoni fuq perijodu speċifiku, mentri kif jirriżulta mill-provi prodotti, huma kienu jgħixu mal-ġenituri tagħhom fil-fond minn mindu kienu tfal, u għalhekk huma protetti bħala inkwilini skont il-liġi. L-appellati jgħidu li l-Bord kien korrett meta bbaża l-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-perijiodu rilevanti, jiġifieri bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 u Diċembru tal-2016, u għandu jirriżulta li l-Bord applika l-liġi li kienet tapplika f'dak il-perijodu, u stabblixxa li tul dak il-perijodu l-appellati dejjem għexu fil-fond. L-appellati qalu li l-appellanta dejjem aċċettat il-kera, anke wara li missierhom mar f'*home*, u dan juri li l-appellanta kienet qiegħda taċċetta l-kera mingħand l-appellati bħala okkupanti tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellati qalu li fattwalment jirriżulta li l-appellati ma kienu qatt irreġistrati f'xi indirizz ieħor, u x-xhieda li ġew prodotti minnhom stess dejjem kienu konsistenti dwar li huma kienu rreġistrati fuq il-fond għal perijodu twil ta' snin. L-appellati qalu li x-xhieda prodotti mill-appellanta ma kienux konvinċenti, fis-sens li ma nġiebet l-ebda prova konvinċenti li l-appellati ma baqgħux jirrisjedu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Qalu li għalhekk għandu jirriżulta li l-Bord ikkunsidra li kienu l-appellati li ġabu l-aħjar prova li huma verament għandhom titolu validu biex jokkupaw il-fond, mentri l-obbligu tal-prova għandu dejjem ikun fuq min jallega. Qalu li l-appellanta qagħdet tispekula fil-

kawża tagħha, u kien għalhekk li l-Bord iddeċieda li l-appellati tassew kienu jokkupaw il-fond.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel il-Bord fis-sentenza appellata, u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li għamlu l-appellati.

*L-Ewwel Aggravju:* *[In-nullità tas-sentenza tal-Bord għaliex ma ddeliberatx fuq dik l-eċċezzjoni partikolari li fuqha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti]*

15. L-appellanta tikkontendi permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla għaliex hija nieqsa minn deliberazzjoni dwar l-eċċezzjoni partikolari, li abbażi tagħha hija tgħid li ġew miċħuda t-talbiet tagħha. Tgħid li l-Bord m'għamel l-ebda deliberazzjoni dwar ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet imressqa mill-appellati, u fil-fehma tagħha l-Bord kellu jiddelibera dwar jekk l-appellati ġabux provi konkreti sabiex jippruvaw li huma jużaw dan il-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

16. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju jirrażenta fuq il-fieragħ, u dan għaliex minn qari tas-sentenza appellata, għandu jirriżulta li din hija mmotivata sew, u l-Bord għamel diversi konsiderazzjonijiet dwar il-provi li kellu quddiemu sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu li l-appellati jużaw il-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Il-Bord spjega wkoll għal liema raġuni huwa l-artikolu 1531F tal-Kodiċi

Ċivili li jirregola l-kwistjoni odjerna, u l-kwistjoni prinċipali li ġiet meqjusa minnu kienet dwar jekk l-appellati kienux jgħixu fil-fond ma' missierhom fiż-żmien rilevanti, jiġifieri bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 u Diċembru tal-2016, u għal erbgħa minn ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008. Il-Bord dehrlu li kellu provi suffiċjenti sabiex jaċċetta l-pożizzjoni tal-appellati li huma dejjem għexu f'dan il-fond, u abbażi ta' tali provi ċaħad it-talbiet tal-appellanta. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanta, għaliex jirriżulta li mhuwiex minnu li l-Bord naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu jew milli jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-provi miġjuba.

*It-Tieni Eċċezzjoni: [L-oneru tal-prova]*

17. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex il-Bord tefa' fuqha l-oneru tal-prova li l-appellati ma kellhomx jedd jibqgħu jirrisjedu fil-fond b'titolu ta' kiri. L-appellanta qalet li l-appellati kellhom obbligu jġibu provi sabiex juru li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri li huma ulied Abel Sammut, li huma għexu ma' missierhom għal erbgħa minn ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008, u li bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 sa Diċembru 2016 huma dejjem għexu fil-fond. Tgħid li l-provi miġjuba mill-appellati huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet magħmula minnhom, liema dikjarazzjonijiet ma ġewx mistħarrġa b'mod oġġettiv mill-Bord għall-veraċità tagħhom.

18. Il-Qorti tirrileva li l-Bord għamel analiżi tal-provi li kellu quddiemu, u qies li l-appellanta għamlet għadd ta' asserzjonijiet ibbażati fuq dak li qalilha ħaddieħor, jew fuq assunzjonijiet li hija waslet għalihom b'mod xejn oġġettiv, bħal meta qalet li hija kienet iċċempel fuq il-*landline* tal-fond u ma kien

jirrispondiha ħadd, u għalhekk ikkonkludiet li fil-fond ma kien jgħix ħadd. Il-Qorti tqis li evidentement quddiem il-Bord ma kienx hemm għalfejn li l-appellati jġibu prova li huma ulied Abel Sammut, għaliex l-appellanta nnifisha rrikonoxxiet li l-appellati huma ulied Abel u Maria Dolores Sammut, u semmiet dan il-fatt diversi drabi kemm fir-rikors promutur tagħha, kif ukoll matul dawn il-proċeduri. Imma l-Bord qies li kien hemm provi oħra, fosthom li l-intimati aħwa Sammut baqgħu dejjem irreġistrati fuq l-indirizz tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri għall-finijiet ta' posta, il-fatt li huma qatt ma talbu *redirection of mail,* il-fatt li huma kienu dejjem irreġistrati fuq dan il-fond għall-iskopijiet ta' Reġistru Elettorali, u li huma bnew ħajjithom madwar dan il-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Fuq kollox, il-Bord ippreċiża liema huwa l-*punctum temporis* għall-finijiet tal-analiżi tal-provi li kellha ssir minnu, ossija li huma għexu ma' missierhom għal erbgħa minn ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008, u li bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 sa Diċembru 2016 huma dejjem għexu fil-fond. Il-Bord ma kellux għalfejn jidħol fil-mertu jew iqis provi marbuta ma' dak li seħħ wara l-mewt ta' missier l-appellati, għaliex dak huwa perijodu ta' żmien li l-Bord ma kellux għalfejn jidħol fih għall-fini tal-eżami li ried jagħmel. Il-fatt li l-appellanta xehdet li f'Ġunju tal-2017 binha beda jimmonitorja d-dħul u l-ħruġ mill-fond, u beda jinnota li l-appellati kienu jmorru fil-fond għal ftit minuti biss, huwa kollu immaterjali għall-fini ta' dak li kellu jevalwa l-Bord. Il-protezzjoni fil-kirja li tipprovdi l-liġi lil ulied l-inkwilin li jiġi nieqes, tirrikjedi li jsir aċċertament tal-fatt li l-ulied kienu jgħixu mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu. Il-Bord ikkunsidra li l-provi mressqa mill-appellati kienu aktar affidabbli minn dak li ddikjarat l-appellanta, li kienet omm l-appellati nnifisha li qaltilha li uliedha ma kienux għadhom jgħixu magħha fil-fond in kwistjoni. Ċertament la l-Bord u lanqas din il-Qorti ma jistgħu jieħdu

konjizzjoni, għall-fini tal-eżami li jrid isir fil-proċeduri odjerni, ta' dak li qalet l-appellanta li n-nota tal-affissjoni għall-finijiet tan-notifika ta' dawn il-proċeduri, damet imwaħħla mal-bieb tal-fond għal tliet ġimgħat qabel ma l-appellati ndunaw biha, għaliex b'hekk l-appellanta qiegħda titlob lill-Qorti tislet konklużjoni minn dak li seħħ **wara** Diċembru tal-2016. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[l-appellanta kienet limitata fil-kwalità tal-provi li setgħet, u l-aktar prova konkreta li setgħet iġġib dwar jekk l-appellati kienux jgħixu fil-fond qabel il-mewt tal-ġenituri tagħhom, hija dak li allegatament kienet tgħidilha omm l-appellati]*

19. L-appellanta qalet li prova ewlenija il-każ odjern kienet dak li allegatament kienet tgħidilha omm l-appellati, jiġifieri li hi u żewġha kienu jgħixu fil-fond waħedhom, u li uliedhom marru jgħixu x'imkien ieħor. L-appellanta tgħid ukoll li l-fond tħalla battal għal xi żmien wara l-mewt tal-ġenituri tal-appellati. L-appellanta tinsisti li hija kienet limitata fil-kwalità tal-provi li setgħet tressaq f'dawn il-proċeduri, u l-aktar prova konkreta li setgħet iġġib dwar jekk l-appellati kienux jgħixu fil-fond qabel il-mewt tal-ġenituri tagħhom, hija dak li allegatament kienet tgħidilha omm l-appellati.

20. Il-Qorti ttenni li l-oneru tal-prova li l-appellati jimmeritahom protezzjoni fil-kirja kien jinkombi fuq l-appellati, filwaqt li l-appellanta kellha ġġib biżżejjed provi sabiex turi li l-protezzjoni fil-kirja li qegħdin jippretendu l-appellati, m'għandhomx jedd għaliha. F'dan il-każ, l-unika prova li ressqet l-appellanta li tqajjem xi forma ta' dubju dwar jekk l-appellati kienux jgħixu mal-ġenituri

tagħhom qabel dawn ġew nieqsa, hija l-allegazzjoni tagħha li meta ġieli tkellmet ma' omm l-appellati, din kienet tgħidilha li hi u żewġha kienu jgħixu fil-fond waħedhom. L-appellanta tgħid li kien għalhekk li hija ppretendiet li l-appellati jirritornawlha ċ-ċwievet wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. Iżda l-Qorti, bħall-Bord qabilha, tinsab rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-appellati ressqu provi oħra sabiex juru li huma dejjem baqgħu jgħixu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri mal-ġenituri tagħhom, u li kienu rreġistrati hemm għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, tant hu hekk li l-Bord ħassu konvint li ħajjet l-appellati kienet mibnija madwar dan il-fond li huma jqisu bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura jew x'tikkritika fil-mod kif il-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu, ladarba jirriżulta li l-Bord evalwa wkoll l-piż tal-prova ta' dak li allegatament qalet omm l-appellati lill-appellanta, flimkien mal-provi oġġettivi l-oħra miġjuba mill-appellati. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellanta, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**